Minuti tal-erbgħin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar it-Tnejn 29 ta' Diċembru fis-6.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut u Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |
| Skużati:- | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Demelsa Grech |
| | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ: | Melanie Bugeja |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
    a. Minuti 38/7 – 01 ta' Diċembru 2014
    b. Minuti 39/7 – 10 ta' Diċembru 2014

2. Komunikazzjonijiet:-
    a. Sindku
    b. Komunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
        i. Viċi Sindku
        ii. Kunsillieri
    c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
    a. Ilmenti
    b. Talba – bdil ta' isem ta' triq

4. Xogħlijiet u Progress
    a. Triq Ħal Safi u bankina
    b. Triq Birżebbuġa
    c. Triq Ruzar Formosa

5. L-Estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja

6. Playing field fi Ġnien Raymond Caruana
    – Progress dwar manutenzjoni u Kontijiet pendenti

7. CCTV cameras ġewwa l-Gudja

8. Għotja ta' Automated External Defibrillator (AED) – Ftehim mal-Gudja United FC

9. Finanzi:-
    a. Petty Cash;
    b. Skeda ta' Pagamenti;
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

10. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sindku li kien irċieva komunikat mis-Sur Baldacchino li qal li ma setax jattendi għal din il-laqgħa għaliex kien jinsab indispost u minn Ms. Grech li qalet li ma setetx tattendi minħabba impenji oħra u minn Ms. Bugeja minħabba impenji ta' studju.

Il-Kunsill iddeċieda li b'mod unanimu, illi fiċ-ċirkustanzi, il-Kunsill għandu jieħu din l-assenza bħala skużata u li bl-ebda mod ma għandha tiġi konsiderata li dawn il-prsuni kienu assenti.

**1. <u>Approvazzjoni ta' minuti.</u>**

**<u>a. Minuti 38/7 – 01 ta' Diċembru 2014</u>**
**<u>b. Minuti 39/7 – 10 ta' Diċembru 2014</u>**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa 38/7 u 39/7 ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel din il-laqgħa. Dawn il-minuti ġew meħuda bħala moqrija u wara ġew approvati nem con.

**2.0 <u>Komunikazzjonijiet</u>**

2.1 Sindku

2.1.1 Qtugħ u żbir ta' siġar fl-inħawi ta' quddiem Palazzo D'Aurel u fi Triq Ħal Tarxien, il-Gudja. Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-ġonna (ELC) għandu jiġi mitlub sabiex jagħmel dan ix-xogħol peress li l-Kunsill kien qed jirċievi diversi ilmenti dwar dan.

2.1.2 Qtugħ u żbir ta' siġar f'diversi inħawi oħra. Is-Sindku qal li kien hemm possibilta li dan ix-xogħol issir bla ħlas u li l-Kunsill jakkwista wkoll is-servizz ta' *cherry picker* sabiex jagħmel ix-xogħol fuq il-faċċata tal-Kunsill u dan bi qbil mal-Kunsill li minn jiżbor/jaqta' s-siġar, jieħu għalih iz-zkuk (logs). Il-Kunsill qabel dwar dan u

s-Sindku qal li kien sejjer jaħdem mal-Viċi Sindku sabiex dan isir sew u mill-aktar fis possibbli.

2.1.3 Użu tad-Defiblator. Is-Sindku qal li kif kien diġà approvat, dan l-apparat issa jinsab għand il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jsiru arranġamenti dwar korsijiet dwar l-użu ta' dan l-apparat. Il-Kunsillier Caruana qal li tkun ħaġa tajba li kull min ikun jixtieq mill-Kunsilliera jkun jista' jattendi wkoll għal dan il-kors dwar l-użu tad-Defiblator. Is-Sur Caruana qal li huwa stess jixtieq jattendi għal dan il-kors meta jiġi organizzat.

2.1.4 Ftehim man-Nursery tal-Gudja United FC u l-Gudja United FC dwar l-apparat tad-Defibaltor. Is-Sindku qal li kien diġà diskuss qabel dan l-apparat għandu jkun f'lok fejn l-użu tiegħu l-aktar li jkun jista' jkun meħtieġ. Għalhekk fil-fehma tal-Kunsill għandu jkun hemm ftehim formali mad-diriġenti tan-Nursery u tal-Gudja United FC sabiex filwaqt li jkollhom f'idejhom dan l-apparat jidħlu wkoll responsabbli lejn il-Kunsill sabiex iħarsu u jippreservaw sewwa dan l-apparat hekk bżonjuż u li l-Kunsill ikun jista' jitlob lill-istess Nursery u l-Gudja United FC sabiex minn żmien għal żmien ikun jista' jintuża minn għaqdiet oħra fil-Gudja.

2.1.5 Ħarġa Bethlehem f'Għajnsielem f'Għawdex. Is-Sindku qal li din l-attività li saret nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru 2014 kienet suċċess u kull min attenda wera sodisfazzjon. B'din il-ħarġa l-Kunsill ikun qed jgħin fil-ħajja soċjali u rikreattiva tar-residenti u għalhekk din l-attività għandha tibqa' fil-kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill. L-ispiża aħħarija għal Kunsill hija relattivament baxxa.

2.1.6 Is-Sur Joseph M. Formosa Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li kif intqal diversi drabi l-Kunsill kien u għadu sodisfatt ħafna bil-ħidma tas-Sur Formosa iżda d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jinsisti li l-Kunsill għandu jaħtar Segretarju Eżekuttiv ġdid minħabba l-età. Saret diskussjoni dwar l-importanza li jkun hemm kontinwità u ħidma b'esperjenza sabiex jiġu mħarsa l-interessi tal-Kunsill u l-komunità tal-Gudja.

Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda u kkonferma li meta jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid (sabiex jaqdi l-ħtiġijiet skont il-liġi) is-Sur Formosa għandu jibqa' fl-impjieg direttament mal-Kunsill fuq l-istess bażi, kundizzjonijiet u faċilitajiet preżenti.

Ikun hemm biss bidla fil-post. Ir-rwol tas-Sur Formosa jkun dak ta' Corporate Services Executive Manager. B'dan ir-rwol li jinkorpora ħidma fil-qasam ta' kuntratti; proġetti; fondi; finanzi u ħtiġijiet oħra, il-Kunsill ikun qed jassigura li jinkiseb suċċess b'risq il-Kunsill u l-komunità tal-Gudja . Is-Sur Formosa jkompli wkoll jattendi u jieħu sehem fil-laqgħat kollha tal-Kunsill u juża riżorsi oħra tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

2.1.7 Ismijiet ta' toroq. Triq il-Kbira (ħdejn is-salib), Triq id-Dejqa (kantuniera mal-pjazza) u Triq Raymond Caruana. Is-Sindku qal li hemm bżonn li dawn l-plakek għandhom jiġu rranġati minn nies kompetenti. Hemm bżonn li jiġu ordnati tabelli li tkissru u għalhekk hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel rapport dwar dan. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku u sejjer jagħmel dak meħtieġ.

2.1.8 Arblu tal-Kunsill fir-*roundabout* ħdejn Palazzo d'Aurel. Is-Sindku qal li kif kien issemma' fil-laqgħat ta' qabel hemm bżonn li l-Kunsill ikollu arblu sabiex jagħmel il-bandiera tal-Kunsill f'post prominenti. Il-Kunsill qabel li jikseb il-kwotazzjoni dwar arblu ta' bejn tletin, u ħamsa u tletin pied.

2.2.0 Komunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.2.1 Viċi Sindku – indispost.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Sports Day 08 ta' Diċembru 2014. Is-Sur Sammut qal li kull min ħa sehem wera x-xewqa li attività bħal din għandha ssir iżjed regolari u f'perjodu ta' tliet xhur. Is-Sur Sammut qal u l-Kunsill qabel li ssir fid-19 ta' Marzu 2015 (festa ta' San Ġużepp). Hemm il-ħsieb li din l-attività ssir festa għal familja kollha fejn jiġu involuti *players* u ġenituri. Is-Sur Sammut qal li fir-rigward tal-ftehim mal-Gudja United FC dwar l-użu tal-grawnd għandu jiġi konsidrat li ġew utilizzati ħames sigħat *full* pitch.

Dwar l-ispiża s-Sur Sammut qal li din kienet tinvolvi l-pagament tal-*coachers* skont ir-rata tal-Kunsill Malti għall-Isports (KMS) tiġi €160.00 liema spiża sejra tinqasam €80.00 mill-Kunsill u €80.00 mill-KMS.

ii. Rikonoxximent mill-Malta Olympic Committee. Is-Sur Sammut qal li l-ħidma tal-Kunsill fil-qasam sportiv ġie rikonoxxut u ngħata *trophy* u ċertifikat fit-tielet post.

iii. Youth in Action York 2015. Is-Sur Sammut qal li kif kien informa lill-Kunsill grupp ta' ħames żgħażagħ mill-Gudja sejrin jipparteċipaw fi programm ġewwa York u dan b'fondi Ewropea u spiża żgħira għall-Kunsill. Tluq is-Sibt 14 ta' Frar u jiġu lura 21 ta' Frar 2015. Bħalma jsir is-soltu l-Kunsill iħallas l-ispiża tal-*leader* li jakkompanja l-grupp.

iv. Triq il-Kbira bejn il-Pjazza u Wesgħet Anġlu Dalli. Is-Sur Sammut fakkar li meta din il-parti tat-triq reġgħet infetħet *two ways* kien sar qbil li l-Kunsill jikseb tagħrif dwar apparat (smart lights) sabiex dawn jiġu installati fi Triq il-Kbira bejn

il-pjazza u Wesgħet Anġlu Dalli. Saret diskussjoni dwar il-qagħda ta' dawn ir-residenti u l-ħtieġa li din il-problema tiġi indirizzata sewwa. Il-Kunsill iddeċieda li sabiex ikun hemm immaniġġjar aħjar tat-traffiku fil-qalba tal-Gudja u b'seħħ mill-01 ta' Frar 2015, id-dħul min-naħa ta' Triq Ħal Safi għal Triq il-Kbira tiġi *one way* ħlief għar-residenti u għal vetturi li jagħtu servizz ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel li dwar dan tintbagħat ċirkulari lir-residenti kollha tal-Gudja li tiġi ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

v. *Open air gym* fi Triq Xlejli. Is-Sur Sammut qal li tkun idea tajba li l-Kunsill jieħu passi sabiex ikun hemm dan il-*open air gym* sabiex ir-residenti tal-Gudja jkunu jistgħu jagħmlu eżerċizzju fiżiku, kemm żgħar kif ukoll kbar. Il-Kunsill qabel li jkompli jistħarreġ dwar dan u li jsib il-finanzjament sabiex dan jiġi inkorporat fil-pjan ta' ħidma għall-Kunsill.

vi. *Pitch* fi Ġnien Ġilormu Cassar, Ta' Xljeli, il-Gudja. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jkompli bil-ħidma tiegħu sabiex dan il-*pitch* jiġi attrezzat aħjar u jkun jista' jintuża sewwa. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Sammut.

vii. Vot16. Is-Sur Sammut qal li peress li wasal iż-żmien li Ms. Bugeja tagħlaq it-18-il sena, il-Kunsill għandu joħroġ sejħa sabiex tintgħażel persuna oħra li tkun tirrappreżenta ż-żgħażagħ dwar il-Vot16.

b. Stefan Caruana

i. Attività Milied ta' Dari. Is-Sur Caruana ta' rendikont ta' din l-attività li saret fil-21 ta' Diċembru 2014. Is-Sur Caruana qal li din kienet suċċess u xtaq jirringrazzja lill-Kunsill u lil kull min għen u ħa sehem f'din l-attività.

ii. Kors tal-kraft tal-Għid. Is-Sur Caruana qal li peress li kien hemm talba sabiex dan il-kors jerġa' jsir bħal drabi oħra, huwa kien qed jipproponi li dan il-kors jibda fl-aħħar ta' Jannar 2015 fuq l-istess bażi ta' drabi oħra. Residenti tal-Gudja iħallsu reġistrazzjoni ta' €10.00 u dawk il-persuni barra mill-Gudja €15.00. Il-Kunsill qabel ma' dak li ppropona s-Sur Caruana.

iii. Skema EFFE. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill kien qed jistenna risposta pożittiva dwar li jkun jikkwalifika għal din l-iskema.

iv. Kor tal-Milied fil-Knisja ta' Bir Miftuħ fid-19 ta' Diċembru 2014. Is-Sur Caruana qal li din l-attività kienet ta' suċċess u xtaq jirringrazzja lill-Kunsill u lil kull min għen sabiex din l-attività kienet suċċess.

v. Allokazzjoni ta' fondi tal-Kunsill għall-attivitajiet kulturali. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill dejjem jaħdem sabiex jinkiseb kofinanzjament tal-attivitajiet u ħafna drabi jiġi mistoqsi dwar il-parti tal-finanzi li jkunu maħsuba li se jinħarġu

mill-Kunsill. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel u ddeċieda li għal attivitajiet ta' kultura taħt id-dekasteru tas-Sur Caruana tiġi allokata s-somma ta' €5000 għas-sena 2015 u dan barra finanzjamenti li jista' jinkiseb kemm mill-Gvern Ċentrali kif ukoll riżorsi finanzjarji oħra.

vi. Żjara ġewwa l-Gudja minn għalliema dwar it-Turiżmu internazzjonali. Is-Sur Caruana qal li fil-25, 26, 27 ta' Frar 2015 se jiġu organizzati f'Malta sensiela ta' konferenzi dwar it-turiżmu internazzjonali. Bħal drabi oħra hemm interess li dawn l-għalliema jżuru l-Gudja xi diversi drabi. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li filwaqt li dawn iż-żjajjar jgħinu sabiex aktar ipoġġu lill-Gudja fil-mappa turistiku li minnha tista' wkoll tgawdi l-komunità Gudjana, il-Kunsill iħallas għat-trasport mil-lukanda u lura u joffri te/kafè u xi ftit ħelu ta' Malta ġewwa l-librerija sabiex jagħmel din iż-żjara aktar akkoljenti. Il-Kunsill qabel ukoll li wara din iż-żjara ikun hemm kunċert fil-Knisja ta' Bir Miftuħ. Il-Kunsill qabel li għal dan il-kunċert iħallas is-somma ta' €150.00. Is-Sur Caruana filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill qal li jixtieq ukoll jistieden lil kunsillieri kollha sabiex jattendu u jaqsmu l-ideat mal-mistiedna u l-parteċipanti.

vii. Tabella ħdejn id-dar ta' Victor Pasmore fi Triq Victor Pasmore. Is-Sur Caruana qal li jkun xieraq li titpoġġa plakka denja ħdejn id-dar kif qed isir f'postijiet importanti oħra fil-Gudja. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li ppropona s-Sur Caruana.

viii. Mappa professjonali tal-Gudja. Fuq suġġeriment tas-Sur Caruana l-Kunsill qabel illi jsiru 5 mapep tal-Gudja li juri dettalji ta' informazzjoni lokali u li sservi ta' gwida lil kull resident u viżitaturi għal dan ir-raħal. Pari mill-ispiża hija maħsuba li tiġi mingħand *sponsors*.

Il-postijiet identifikati huma:

a. F'tarf Triq De Warsbergh kantuniera ma' Triq Ħal Resqun
b. Triq San Ċiru quddiem il-Knisja
c. Mal-bini tal-Kunsill Lokali
d. Ħdejn il-Palazz ta' Bettina
e. Fid-daħla f'Dawret il-Gudja ta' Bir Miftuħ.

Il-qisien huma 1m x 70cm għal 4 żgħar u l-kbira 2m x 2m.

ix *Notice boards*. Is-Sur Caruana qal li meta l-Kunsill talab il-kwotazzjonijiet, il-Kunsill ma kienx irċieva l-ebda kwotazzjoni. Fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill iddeċieda li jixtri dawn in-*notice boards* b'*direct order*.

x Tabella xierqa ħdejn it-teatru Grieg fi Ġnien R. Caruana. Is-Sur Caruana qal li jkun xieraq li ssir tabella tal-injam bl-isem – Amfiteatru Ġnien Raymond Caruana. Il-Kunsill qabel ma' dak propost.

xi Bozza – Triq Santa Katarina kantuniera ma' Triq id-Dejqa. Is-Sur Caruana qal li hemm id-dlam fi Triq Santa Katarina katuniera ma' Triq id-Dejqa. Il-Kunsill qabel u ddeċieda li l-Kunsill japplika mal-Enemalta sabiex titwaħħal bozza fil-post indikat.

2.3 Korrispondenza

2.3.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni tal-korrispondenza kemm dik li rċieva kif ukoll dwar dak li ntbagħat u l-Kunsill iddeċieda li jkompli jsegwi dak meħtieġ fl-aħjar interess tal-Kunsill.

## 3.0 <u>Rapporti</u>

3.1 Ilmenti.

3.1.1 Triq tal-Lampat, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jinxtraw 5 jardi konkos jew xi tip ta' materjal addatat sabiex isiru tiswijiet meħtieġa u għandu jkompli jfittex l-għajnuna tat-Trasport Malta sabiex din it-triq issir kompletament sewwa. Il-Kunsill għandu jikteb lir-residenti ta' Triq il-Lampat fejn jinfurmahom li l-Kunsill sejjer jieħu passi konkreti sabiex isiru t-tiswijiet.

3.1.2 Tabella oħra fi Triq Victor Pasmore. Il-Kunsill qabel li ssir tabella oħra fit-tarf ta' din it-triq sabiex ikun hemm indikazzjoni ċara sa fejn testendi l-istess triq.

3.1.3 Il-Kunsill ġie wkoll infurmat li l-ilmenti oħra kolla ġew indirizzati u kull min għamel l-ilment ġie nfurmat dwar dan kif ikun meħtieġ.

3.2 Talba – bdil ta' isem ta' triq. Il-Kunsill ra t-talba dwar il-bdil tal-isem ta' Triq Mons. Pawlu Mallia u qabel li jħalli din il-materja għad-deċiżjoni tal-i*Street Naming Committee* peress li din hija l-Awtorità kompetenti li tista' tiddeċiedi dwar il-materja.

## 4.0 <u>Xogħlijiet u Progress</u>

4.1 Triq Ħal Safi u bankina. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar il-pendenzi u dwar il-ħtieġa li jkun hemm kulvert sabiex jiġu trattati l-ilmijiet tal-għargħar. Il-Kunsill qabel li jissejħu laqgħat b'urġenza sabiex din il-materja tiġi indirizzata waħidha u fl-aħjar interess tal-komunità kollha tal-Gudja u speċjalment tar-residenti tal-madwar.

4.2 Triq Birżebbuġa. Il-Kunsill qabel li x-xogħlijiet jiġu wkoll indirizzati ma' Triq Ħal Safi u l-inħawi tal-madwar.

4.3 Triq Rużar Formosa. Il-Kunsill qabel li jkompli jinsisti mat-Trasport Malta sabiex issiru xogħlijiet meħtieġa bil-materjal li jkun jixraq il-preġju ta' din it-triq li tifforma parti mill-qalba antika tal-Gudja.

## 5.0 L-Estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja

5.1 Il-Kunsill qabel li jfakkar lill-MIA dwar it-talbiet tal-Kunsill sabiex jiġu indirizzati l-pjanijiet tal-MIA li sejrin jinfluwenzaw lill-Gudja u lill-istess residenti tal-Gudja.

## 6.0 Playing field fi Ġnien Raymond Caruana; progress dwar manutenzjoni u kontijiet pendenti

6.1 Il-Kunsill qabel li jimxi ma' dak miftiehem ma' Forestals dwar xogħol u manutenzjoni u dwar li jagħmel plakka xierqa kif mitluba mill-UIF. Malli jsiru x-xogħlijiet u manutenzjoni l-Kunsill ikun jista' jagħmel il-pagament tal-bilanċ finali dovut.

## 7.0 CCTV cameras ġewwa l-Gudja

7.1 Il-Kunsill qabel li jagħmel pressjoni fuq ir-Reġjun sabiex ikun hemm il-progress mixtieq.

## 8.0 Għotja ta' Automated External Defibrillator (AED) – Ftehim mal-Gudja United FC

8.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi dan l-apparat issa jinsab għand il-Kunsill. Il-Kunsill qed jaħdem dwar programm ta' taħriġ għal min ikun ikkonċernat u jinteressa ruħu li jkun jaf iħaddem dan l-apparat.

8.2 Il-Kunsill kif intqal qabel iddeċieda li javviċina lil Nursery u lil Gudja United FC sabiex jidħlu b'mod responsabbli li jżomm għandhom dan li apparat li jintuża skont il-ħtieġa peress li dan huwa apparat ta' ħarsien tal-ħajja.

## 9.0 Finanzi

9.1 Petty Cash. Il-Petty Cash għax-xahar ta' Novembru 2014 għas-somma ta' €45.58 ġie approvat.

9.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2014 18/7 għas-somma ta' €25,321.22 ġie approvata kif ippreżentat wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti kif murija fuq l-istess skeda.

9.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill approva xiri ta' servizzi u materjal kif imsemmija aktar 'il quddiem f'dan l-istess minuti ta' din il-laqgħa.

## 10.0 <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>

10.1 Parti minn Triq Birżebbuġa li tinsab fil-kampanja (sal-*bore hole* tal-ilma). Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li tingħata wiċċ konkos għaliex fil-fehma tiegħu dan kien diġà approvat mill-Kunsill. Saret diskussjoni dwar dan għaliex fil-fehma ta' kunsillieri oħra preżenti l-Kunsill ma kienx ħa deċiżjoni finali dwar dan u li hemm possibiltà li flok konkos jinstab materjal ieħor li jkun aktar addatat u utli fl-ambjent rurali.

Sar qbil li jiġu konsidrati minuti ta' laqgħat preċedenti dwar din it-tema.

10.2 Korsijiet:

Ganutell. Dan il-kors huwa taħt il-*Life Long Learning Department* u li sejjer ikompli sa Mejju 2015.

*Beading.* Dan il-kors huwa organizzat mill-Kunsill u l-Kunsill sejjer jagħmel sejħa oħra sabiex jitkompla fi Frar 2015.

Arti u Krafts. Dan il-kors sejjer jiġi msejjaħ li jitkompla fi Frar 2015.

Il-Kunsill ġe infurmat li fil-korsijiet tal-adulti ma hemmx bżonn ċertifikati. Dwar il-kors tal-arti u krafts il-Kunsill ġie infurmat illi s-Sur Nicholas Cassar għandu reġistrazzjoni mal-ETC bħala għalliem tal-arti *part time.*

10.3 Xtiebi fil-kampanja ta' Bir Miftuħ. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lid-dipartiment ikkonċernat sabiex jipprovdu xtiebi fejn meħtieġ fuq bażi preċedenti. Il-Kunsill qabel li jsegwi sewwa din it-talba sabiex isostni l-programm tal-Kunsill dwar il-Hertiage Trail li għalih il-Kunsill għandu jfittex fondi kemm mill-Gvern Ċentrali kif ukoll fondi Ewropej.

**Aġġornament:**

Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.35pm u aġġorna għal nhar il-Ġimgħa 30 ta' Jannar 2015 fis-6.00pm fuq aġenda li sejra tiġi ċirkulata għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa.

Is-Sindku fakkar li fit-30 ta' Jannar 2015 sejra ssir ukoll il-laqgħa tal-lokalità tal-Gudja fis-7.00pm. Jekk ikun hemm bżonn l-aġenda tiġi proposta kif ikun maqbul.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv
Data: ____________________

John Mary Calleja
Sindku